# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 504**

**Il-Ġimgħa 15 ta' Frar, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fil-11.17 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Viċi-Sindku
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

## 504.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

504.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi-Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku jkun skużat.

504.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

504.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Julian Paul Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Julian Paul Scicluna jkun skużat.

504.1.4 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Roderick Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Roderick Vella jkun skużat.

504.1.5 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

## 504.2 Approvazzjoni tal-istqarrijiet finanzjarji 2018

504.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-istqarrijiet finanzjarji 2018 ma kinux tlestew u għalhekk ma setgħux jiġu approvati f'din is-seduta. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi ftit tal-jiem ilu l-*accountant* tal-Kunsill kienet infurmatu li ma kinitx ser tlaħħaq tlesti d-dokumenti fil-ħin kif stipulat bil-liġi u minħabba f'hekk huwa kien kostrett jitlob lill-kumpanija *Edania Limited* sabiex tipprepara l-istqarrijiet finanzjarji. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega illi kien hemm xi problemi fis-*software* tal-*accounts* u ma kienx qed juri stampa reali tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Barra minn hekk kien hemm bidla fil-metodu ta' diprezzament tal-assi li kellha tiġi addottata u li kienet kemxejn ikkomplikata.

504.2.2 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali estenzjoni sabiex l-istqarrijiet finanzjari 2018 jiġu sottomessi sat-28 ta' Frar, 2019.

504.2.3 Is-Sur Brian Spiteri issuġerixxa li mil-llum il'quddiem ix-xogħol ta' *accountancy* tal-Kunsill jibda jsir mill-kumpanija *Edania Limited*.

504.2.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill setax iqabbad lill-kumpanija *Edania Limited* tagħmel ix-xogħol ta' *accountancy* tal-Kunsill peress illi ftit tax-xhur oħra kien ser ikun hemm Kunsill ġdid. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill il-ġdid jista' jwaqqaf is-servizz tal-kumpanija *Edania Limited* meta jrid peress illi ma kienx hemm kuntratt eżistenti ma' din il-kumpanija.

**504.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

504.3.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11.21 ta' filgħodu.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-505 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Frar, 2019.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku